# Il-Ħadd 17.05.2015

1. Illum 17/05, **is-Seba' Ħadd tal-Għid – Lapsi** u *Jum il-Komunikazzjoni Soċjali*

2. It-Tnejn 18/05:
   - Fis-6:30pm ser issir Quddiesa għat-tfal kollha (subien u bniet) u l-ġenituri fil-bitħa tal-Museum tas-Subien

3. Il-Ħamis 21/05:
   - Fis-6:30pm ser issir Laqgħa Ekumenika ta' Talb għall-Għaqda fost l-insara fil-Knisja ta' Sarria, Florjana, bħala parti min-Novena ta' Pentekoste.
   - Fis-7:15pm ser issir Laqgħa għall-Ġenituri tat-tfal li ser jirċievu l-Ewwel Tqarbina matul din is-sena. Din ser tkun immexxija mill-Kappillan u ser issir fil-Museum tas-Subien.

4. Il-Ħadd 24/05, **Għid il-Ħamsin – Pentekoste**:
   - Fil-quddiesa tat-8:15am jiġu ppreżentati dawk li ser jagħmlu l-Griżma tal-Isqof.
   - Wara nofs in-nhar ser ikollna Ħarġa għall-Festa ta' San Pawl fil-Munxar, Għawdex. Tluq fit-3:00pm u nkunu lura għall-10:30pm. Biljetti u dettalji mingħand il-helpers.

5. Avviżi oħra:
   - Dawk li għal xi raġuni jew oħra ma setgħux ibierku meta indikat imma xorta jixtiequ jbierku, mitluba jikkuntattjawni ħalli nkunu nistgħu nirranġaw appuntament fil-jiem li ġejjin.
   - Infakkar li kull nhar ta' Tlieta u kull nhar ta' Ħamis, fil-Kappella ta' Santa Marija, fid-9:30am jingħad ir-Rużarju quddiem Ġesù Sagramentat b'riparazzjoni għall-Abort u biex nimtlew aktar bil-virtujiet tal-Qalb ta' Ġesù u ta' Marija.

6. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - € 145 mill-bejgħ ta' ortensji u l-lotterija f'Jum l-Omm;
   - € 290 minn ħarġa li kellna b'risq ir-restawr ta' San Pawl;
   - € 20 bħala donazzjonijiet bl-istess għan;
   - € 35 bħala għajnuna għal dawk li qed isoffru mit-terremot tan-Nepal, fl-Indja.

   Grazzi mill-qalb.